# San Ġużepp kellu bżonn operazzjoni serja

*kitba ta' Mario Schiavone - ritratti minn Lino Gatt*

Għal xhur sħaħ, l-istatwa ta' San Ġużepp meqjuma fil-parroċċa tagħna ilha nieqsa min-niċċa li għandna fil-Knisja. X'sar minnu San Ġużepp? Fejn mar? Fejn jinsab? Meta ġej lura? Le, ma marx fuq xi vaganza. San Ġużepp jinstab fi klinika fejn ingħata kura speċjalizzata.

Wara l-aħħar mixja li għamel fit-toroq tal-parroċċa tagħna f'Mejju li għadda, il-Kappillan u l-Kunsill Parrokkjali indunaw li San Ġużepp kien xi ftit għajjien; kellu numru ta' feriti żgħar u beda juri sinjali ta' tħassib.

Dlonk isejjħu esperti li wara li eżaminawh sew, sabu li l-problema fis-saħħa tal-istatwa ta' San Ġużepp kienet akbar milli kien qed jidher u għalhekk ingħata parir biex San Ġużepp jittieħed fi klinika biex isirlu eżami aktar dettaljat u jingħata l-kura kollha li kien jinħtieġ.

Instabet klinika speċjaliżżat fejn setgħet tingħata l-kura meħtieġa u fl-1 ta' Awwissu 2017, San Ġużepp iddaħħal fl-imsemmija klinika li tinsab fil-Mosta.

Aħna morna nżuruh f'din il-klinika u tkellimna mal-ispeċjalista li qed jikkurah biex naraw eżatt x'ġara, x'tip ta' kura ngħata u meta għandna nistennewh lura fin-niċċa tiegħu fil-knisja.

Tkellimna ma' Pierre Bugeja, Direttur tal-kumpannija PrevArti li hi l-klinika li fiha San Ġużepp u l-Anġli li jsebbħu l-pedestall tiegħu, ittieħdu biex jingħataw il-kura meħtieġa.

Meta l-elementi kollha li jikkomponu l-istatwa titulari tagħna ttieħdu fil-klinika nstab li kellhom diversi ħsarat fosthom, moffa, żebgħa maqlugħa u anke xi brix żgħir li kollha kien jinħtiġilhom il-kura biex il-ħsara ma tkomplix tiggrava.

Billi l-istatwa ta' San Ġużepp u l-Bambin kif ukoll l-erba' Anġli huma magħmula mill-injam, ingħatalhom trattament kontra l-insetti bħalma hi s-susa. Dan it-trattament ingħata anke jekk eżamijiet bir-reqqa li saru ma wrew ebda sinjali ta' susa. Imma l-prevenzjoni hi aqwa mill-kura.

Wara li ngħata dan it-trattament, l-istatwi tpoġġew f'boroż tal-plastic apposta li ġew siġillati biex ma tidħolx arja fihom. Intużat makna apposta biex tiġbed l-arja minn dawn il-boroż u bidlitu f'nitroġenu li ma jagħmilx ħsara.

L-istatwi nżammu għal xahar sħiħ f'din il-



kundizzjoni biex jekk kien hemm xi insetti fuqhom, imutu għal kollox.

Dan kien l-ewwel stadju tal-kura li ngħatat.

Imbagħad saret dokumentazzjoni b'kitba u ritratti ta' kull parti tal-istatwa. Ir-ritratti ttieħdu taħt dwal differenti – kemm dawl naturali kif ukoll dawl "ultra violet". Kienu dokumentati il-ħsarat kollha li kien hemm fl-istatwi.

Wara dan, fuq parir tas-Sur Bugeja, saret analiżi xjentifika f'laboratorju professjonali fl-Italja, biex wieħed isib l-aħjar mod u x'tip ta' materjal għandu jintuża għat-tindif tal-vara.

Din l-analiżi kienet tinkludi t-tip tal-injam li minnu hi magħmula l-istatwa, x'teknika intużat biex inħademet, x'tip ta' żebgħa kellha, jekk kienx hemm xi bażi kimika oħra qabel ngħatat iż-żebgħa, jekk kienx hemm xi strati oħra ta' protezzjoni bejn

***<< għal paġna 13 >>***



*<< minn paġna 11 >>*

l-injama li minnha nħadmet l-istatwa u dak li naraw aħna llum.

Din l-informazzjoni kollha kien hemm bżonn li tinġabar minħabba x-xogħol delikat li kien hemm bżonn li jsir.

Billi l-istatwa ta' San Ġużepp bil-Bambin u l-erba' Anġli inħadmu minn kumpanniji differenti, anke t-teknika użata biex saru kienet differenti u għalhekk l-istatwi u l-anġli kellhom bżonn trattament differenti.

L-analiżi xjentifika sabet li l-istatwa ta' San Ġużepp kellha ċerta protezzjoni filwaqt li l-anġli ma kellhomx u allura l-anġli kien aktar diffiċli biex jitnaddfu mill-istatwa proprja.

Għal dan ix-xogħol intużat dik li fil-qasam tar-restawr hi magħrufa bħala "nano technology", li hi l-aħħar teknoloġija fil-qasam tar-restawr u t-tindif, liema teknoloġija tintuża fuq affarijiet delikati ħafna.

Il-postijiet li fihom instabet il-moffa kienu trattati kemm bil-kimika kif ukoll mekkanikament. Dan kien proċess twil ħafna għax l-istatwi huma delikati ħafna u fihom hemm ħafna rkejjen skolpiti li fihom joqgħod it-trab li jagħmlilhom ħsara.

Hawnhekk kienu trattati xi ħsarat strutturali żgħar li kien hemm fl-istatwi, bħalma hu xi qsim u xi tiswijiet fl-injam li kien hemm bżonn.

Billi l-injam, ikollu dawk li jissejħu ingroppi, u l-injam li minnu hi magħmula l-istatwa ta' San Ġużepp kellu minn dawn l-ingroppi, sar trattament apposta biex iż-żejt li joħroġ minnhom u li jtebba' l-istatwa, jinxef u ma jibqax inixxi u l-vara tkun konservata aħjar.

Meta tlesta dan ix-xogħol kollu, l-istatwa ngħatat protezzjoni ġdida biex imbagħad seta' jsir l-irtokk li kien hemm bżonn, irtokk li hu riversibbli u li ma sarx direttament fuq l-injam imma fuq din il-qoxra protettiva. L-irtokk sar fuq il-partijiet fejn kienet waqgħet iż-żebgħa, li mtlew bil-ġibs. L-irtokk sar bit-teknika magħrufa bħala 'tratteggio'.

Imbagħad sar ir-restawr tal-induratura kollha li hemm fir-raġġieri kemm ta' San Ġużepp kif ukoll tal-Bambin, tal-anġli u anke tas-simboli li qed iżommu l-anġli. F'dan ix-xogħol intuża deheb ta' 23.7 karati.

Fl-aħħarnett, il-vara sħiħa ngħatat trattament ieħor li għaqqad ir-restawr kollu li sar fiha biex issa l-vara tista' tirreżisti x-xita. L-injam, iż-żebgħa, l-irtokk li sar u anke l-induratura, issa huma protetti.

Sadattant, sar ukoll xogħol fin-niċċa ta' San Ġużepp fil-knisja, fosthom ventilazzjoni ġdida biex tul is-sena, meta l-istatwa tkun fin-niċċa tagħha ma ssirilhiex ħsara. Inħadmet ukoll purtiera ġdida għal wara l-vara.

Is-Sur Bugeja qalilna li hu u n-nies professjonali tiegħu li ħadmu fuq dan ir-restawr huma sodisfatti ħafna bir-riżultat finali ta' din il-ħidma u rringrazzjaw lill-Kappillan, Fr Josef għall-fiduċja li wera fihom meta fdalhom din il-ħidma ferm delikata.

San Ġużepp issa hu mistenni lura fil-Knisja Parrokkjali fit-22 ta' April fejn se jingħata merħba mill-akbar fil-preżenza tal-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech.
















